MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1355/2005

**Anthony Mangion**
**Vs**
**Gilbert Camilleri**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-23 ta' Ġunju, 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 375.00 (tliet mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija) rappreżentanti danni kkawżati konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li seħħ fl-4 ta' Diċembru, 2004 f'Ħal Farruġ.

Fl-Avviż tat-talba intqal :-

Jgħid għaliex il-konvenut m'għandux jiġi kkundannat iħallas lill-attur, l-ammont ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm 375) rappreżentanti parti mid-danni kkawżati fil-vettura tal-marka Opel Corsa, li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni CAB 304 propjeta' ta' l-istess attur, u dan fl-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-4 ta'

Diċembru, 2004, f'Ħal Farruġ u għal-liema inċident jaħti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' dan l-avviż, ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn ingħad :-

Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur, stante li ma huwa dovut l-ebda ammont mill-konvenut, versu l-attur peress li l-attur aċċetta s-somma ta' Lm 480 (erbgħa mija u tmenin lira Maltija) a saldu ta' kwalsiasi pretensjoni ta' l-attur rigwardanti l-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-4 ta' Diċembru, 2004 f'Ħal Farruġ.

Illi di piu' u mingħarj preġudizzju għall-premess, is-somma pretiża mill-attur hija waħda esaġerata u inveritieria u l-konvenut diġa' ħallas ampjament għad-danni kollha sofferti mill-attur fil-vettura tiegħu tal-marka Opel Corsa, targata CAB 304.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut għandha tiġi respinta minn dan l-Onorabbli Tribunal, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi da parti tal-konvenut hemm l-amminsjoni li jassumi r-responsabbilta` ta' ħsarat kaġunati fil-vettura attriċi fil-kolliżjoni li seħħet fl-4 ta' Diċembru, 2004.

Li m'hemmx qbil huwa fuq l-ammont ta' danni li kellhom jitħallsu.

Illi l-kontestazzjoni dwar l-ammont li kellu jitħallas. Fil-waqt illi l-konvenut jallega li ħallas is-somma ta' erbgħa mija u tmenin lira (Lm 480) għas-saldu allura l-biċċa kellha

tieqaf hemm, l-attur jallega illi dan kien pagament għas-somma dovuta ammontanti għal tmien mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 825).  Di fatti huwa kien irrilaxxa a favur tal-konvenut riċevuta għal dik is-somma esebita bħala Dokument CC1 fis-6 ta' Ġunju tas-sena kurrenti mill-istess konvenut.

Una volta li kien hemm kontestazzjoni stava għall-konvenut li jipprova li dak li kien qed jallega l-istess konvenut kien iġibu għas-sodisfazzjoni ta' l-istess Tribunal. Jirriżulta illi ż-żewġ partijiet ressqu l-provi sabiex jikkonsolidaw it-teżi tagħhom rispettiva. Pero` jibqa' l-fatt li meta l-konvenut irċieva dik l-irċevuta datata 14 ta' Diċembru, 2004 kull ma ħa passi kien li kiteb l-Avukat pero` ma ħa l-ebda passi oħra sabiex jikkontesta dik l-irċevuta.

Dan huwa każ lampanti fejn wara li jintlaħaq ftehim ma jsir l-ebda ftehim per iskritta quddiem persuna ta' natura legali sabiex dak il-ftehim jiġi sanċit sabiex ma jkunx hemm problemi 'il quddiem meta tiġi mitluba l-eżekuzzjoni tiegħu kif ġara f'dan il-każ.

Kif ġja gie ritenut minn dan it-Tribunal, l-attur ried jipprova l-każ tiegħu fuq bilanċ ta' probabilita` u mhux ta' possibilita` biss. Una volta li l-konvenut għażel dik id-difiża illi l-pagament li għamel kien għas-saldu, huwa kellu jagħmel il-prova ta' ftehim illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal dina ma saritx a sodisfazzjoni ta' l-istess.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tiet mija u ħamsa u sebghin lira Maltija (Lm 375) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------